# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum 24 ta' Settembru, 2020**

Appell numru 108 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Nixon Matthias MUSCAT**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-1 t'April 2019 fil-konfront ta' Nixon Matthias Muscat, karta tal-identità bin-numru 394098 M li ġie mixli:

> Talli nhar it-18 ta' Novembru, 2018 għal ħabta ta' 16:00 hrs fi Triq il-Kbira, Mosta saq vettura numru LDC 248;
>
> 1. B'manjiera bla kont;
> 2. U aktar talli saq, ġiegħel jew ħalla vettura bil-mutur tindsaq mingħajr il-pjanċi tan-numri tan-numri tar-registrazzjoni fuq in-naħa ta' quddiem u ta' wara tal-vettura;

3. Meta kien involut f'inċident tat-traffiku ma' vettura numru EBZ 985 naqas li jieqaf u meta kien meħtieġ naqas milli jagħti l-partikolaritajiet tiegħu u d-dettalji tal-vettura li kien qed isuq kif mitlub bil-liġi u / jew naqas li jirrapporta l-imsemmi inċident lil Puliija jew lill-Gwardjani Lokali;

4. U b'nuqqas ta' ħsieb u bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat- traffiku, ħabit ma vettura numru EBZ 985 u involontarjament ikkaġuna ħsarat għad-dannu ta' Daniel Żammit.

Il-Prosekuzzjoni titlob li jiġi skwalifikat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant u wara li rat l-Artikoli 328(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artiklu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolament 32 tal-Liġi Sussidjarja 368.02 u r-regolament 67(1)(5) tal-Liġi Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta sabitu ħati tal-imputazzjonijiet kollha ħlief għal imputazzjoni numru tnejn (2) kkundannatu għal multa ta' ħames mitt euro (€500).

3. Illi minn din is-sentenza Nixon Matthias Muscat interpona appell permezz ta' rikors datat fit-12 t'April, 2019 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:-

a) Tħassarha u tirrevokaha fejn sabitu ħati tal-ewwel, it-tielet u r-raba imputazzjoni u minnhom tilliberaħ skond il-liġi u
b) tikkonfermaha fejn sabitu mhux ħati tat-tieni imputajoni u bla preġudizju għal dak fuq espost f'każ li din il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tilqax dan l-appell tirriforma s-setenza appellata fis-sens li tiġi imposta piena aktar ġusta u ekwa għall-każ odjern. Illi fid-dawl ta' dak kollu suespost l-appellant umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti

sabiex tikkonfemra l-parti tas-sentenza fejn ma sabitux ħatja u konsegwentement tilliberaħ minn kull imputazzjoni.

U dan wara li saħaq is-segwenti:

Illi waħda mir-raġunijiet prinċipali għal dan l-appell hija illi l-ewwel Qorti m'għamlitx apprezzament tajba tal-provi miġburin quddiemha liema provi kienu konsistenti limatament fix-xhieda ta' PC 1551 Kennet Mario permezz tal-affidavit prodott kif ukoll ix-xhieda mressqa viva voce u prodotta minn Daniel Żammit u t-tfajla tiegħu ċertu Paulina Anna Smidoda.

Illi fil-preliminarjament l-ewwl Qorti skartat il-fatt iż-żewġ xhieda parte ċivile t-tnejn xehdu li n-numru tal-pjanċi tal-vettura allegatament involuntat fl-inċident de quo ngħataw minn terza persuna li kienu kitbu l-istess numru tal-vettura fuq biċċa karta li ġiet prodotta l-Qorti mix-xhieda iżda fl-ebda' mument ma indikaw minn kien l-awtur tal-kitba pero' komplew jirsistu li l-karta ngħatat lilhom minn xi resident Mosti mhux magħruf.

Illi għall-finijiet ta' kjarezza jemana ċar il-fatt li huma qatt ma raw la n-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura u lanqas is-sewwieq u dana peress li l-ness bejn l-inċidenti per se u l-kontributur tal-imsemmi inċident huwa limitat għal dak li nkiteb in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura de quo li allegatament kienet misjuqa mill-appellant.

Illi għalhekk stante n-nuqqas ta' produzzjoni tax-xhud li kiteb in-numru ta' reġistrazzjoni fuq biċċa karta ix-xhieda qatt ma setgħu juru konsistenza dwar kif svolġiet l-allegament inċident de quo.

Illi ai termini tal-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali, l-kredibbilita' tax-xhud għandha titħalla "fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru ax-xhud, tal-fatt jek ix-xhieda tiegħu għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizi oħra tax-xhieda tiegħu u jekk ix-xhieda hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ".

Illi bażi sempliċement li l-appellant ma ġiex misjub ħati li l-vettura ma kinitx mingħajr pjanċi ta' reġistrazzjoni cioe kif verament kien u kif verament dejjem kellha l-pjanċi ta' reġistrazzjoni jirriżulta b'manjiera kristallizzata illi d-danni li allegatament seħħu għad-danni ta' Daniel Żammit, qatt ma setgħu saru bil-vetura li għandha n-numru tar-reġistrazzjoni LDC 248 stante li l-pjanċi meta ġew spezzjonati minn PC 1551 u l-kollegi tiegħu ma kellhom l-ebda danni.

Illi madanakollu x-xhud Daniel Żammit qatt ma produċi l-ebda rapport minn surveyor jew qatt ma ġie prodott ebda' stima da parti tal-prosekuzzjoni jew parti civile dwar l-ammont tad-danni li ġew ikkaġunati.

Illi kieku x-xhieda parte civile verament kellhom danni fuq il-vettura tagħhom setgħu almenu jikkwantikaw l-imsemmi danni, u dana wara li kif dan solitu jiġri, il-vettura tagħhom jiġi spezzjonat minn surveyor sabiex jipprovdi rapport ġenwin jekk attwalment kien hemm danni u f'hiex kienu konsistenti u almenu l-inqas ħaġa li wieħed setgħa jagħme huwa jikkwalifika l-imsemi danni. Illi wieħed għandu jinnota wkoll illi l-imsemmi danni lanqas biss ġew imsemmija fl-affidavit ta' PC 1551 li jillimita ruħu għal kliemu . Fuq il-bumper ta' qauddiem ma stjna naraw ebda danni imma hekk kif ġejt imneħħiha il-pjanċa ta' quddiem ġew innutati danni oħra li kienu jaqblu ma dawn li ġew innutati fuq il-vettura ta' Daniel Żammit.

Illi mingħajr preġudizju għal dak suespost mhux talli ma saret ebda deskrizzjoni tad-danni iżda ma ttieħdu l-ebda ritratt la min-naħa tal-prosekuzzjoni u lanqas mill-parte civile sabiex jiġu stabbiliti jew verament kienx hemm danni di piu x'kienu konsistenti dawn id-danni.

Illi għalhekk ma nġabret ebda prova li l-imputat ikkaġuna ħsara fuq il-vettura nru EBZ 985 għad-dannu ta' Daniel Żammit.

Illi fil-kawa il-Pulizija vs Ludwig Micallef, Deċiża mill-Qorti tal_Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu 2010 il-Qorti provdiet illi "id-dover ta; Prosekuzzjoni hu allura li jippreżenta quddiem il-Qorti, każ konvinċenti u pprovat li adegwatament jistablixxi l-ħtija tal-imputat għall-akkadut, li tipprova kondotta coluntarja, negliġenti, konsistenti ġenerikament f'nuqqas ta' ħsieb 'imprudenza', 'negliġenza' jew 'traskuraġni' jew ta' ħila, ta' 'imperizija' fl-arti jew professjonali jew konsistenti speċifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Liġijiet, regolament,

Illi kif tajjeb osservat il-prosekuzzjoni fin-nota tagħha fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Apll Kriminali nhar s-sitta ta' Mejju, 1997 fil-kawża fl-ismijiet il-Pulizija vs Alfred Mifsud, il-Qorti sejra tagħmel referenza għal dak li ġie enunċjat u t-tifsiriet li għandhom jingħataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan propju:

"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalisiasi forma ta' sewqa li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwiq raġonevoli, pridenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukollin-non osservanza tad-

disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll għal sewqan traskurat.

Sewqan bla kont (reckless driving) hu deskritt fis-Subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 15, bħala 'sewqa bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sistwazzjoni fejn i-grad ta' traskuraġni tkun kbira, u tinkludi l-każijiet 'fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandux jieħu, minħabba l-probabilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta li terzi, kif wkoll kaħijiet fejn iweħed ikun idifferenti għal tali riskji'.

Sewqan perikoluż (dangerous driving) jirrikjedi li fil-każ partikolari, s-sewqan kien ta' perikolu għal terzi jew għal propjeta tagħhom. Biex wieħed jiddeiċiedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inklużi l-ħin w il-lokalita tal-inċident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel.

Naturalment, sewqan f'każ partikolari jista' jaqa' taħt tnejn jew aktar minn dawn t-tlett forom ta' sewqan, f'liema każ, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-liġi w id-dottrina in materja ta' konkors ta' rati. Ai finijiet ta piena, l-leġilatur poġġa s-sewqan bla kont w is-sewqan perikoluż fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriż w involut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluż" (vide Il-Pulizija v Charlotte Chamberlain, deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-ħamsa u għxrin ta' Mejju,1950)".

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'amterja ta' inċidenti stradali l-provi indizzjarji, ħafna drabi jista' jkun siewja ferm, u xi drabi jistgħu anki jkunu siewja fejm aktar minn dawk okulari li, kultant jistgħu ikunu soġġettivi u kultant, x'aktarx ivva mili le, ikunu kuluriti b'dak li jisejjaħ "esprit de voiture". U mbagħad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistgħu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li ġara, dawn il-provi ndizzjarji,jistgħu faċilent u mingħajr żonn ta' ħafna tiġbid, jagħtu stampa ċara tad-dinamika tal-inċident. S'intendi, bħal kull prova indiretta oħra, jridu jkunu tali li jwasslu għal konklużżjoni univoka u li biha l-ġudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-ħtija jew responsabilita' kriminali tal-imputat jew akkużat.

Illi bir-rispett kollu l-prosekuzzjoni a tempo vergine kienet avżata li l-appellant kien qiegħed ġewwa l-ajruport iżda fl-ebda' mument durante l-invesigazzjoni tagħhom u dana sabiex inqajmu l-aħjar prova li-bogħod minn kull dubbju dettat minn raġun sabiex jistablixxu jekk verament l-appellant kien għadda mill-ajruport fl-istess ħin li sar l-allegament inċident tat-traffika li setgħa faċilment jiġi stabbilit permezz ta'telefonata fejn talbu l-kameras tal-vatturi ħerġin u dieħlin fejn dan

> jista' jsir faċilment minn persuna li jitlef il-biljett minn security ta' l-ajruport stess li jiċċekjaw fuq il-monitors tagħhom il-filmat dwar i-ħin li daħlet il-vettura ġewwa il-car park tal-insemmi ajruport.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi nhar it-18 ta' Novembru 2018 għall-ħabta tal-16:30 Daniel Zammit irraporta l-għassa tal-Mosta illi kien involut f'inċident stradali ftit tal-ħin qabel ċjoe għall-ħabta tal-16:05, fi Triq il-Kbira, l-Mosta. Il-parte ċivile kien qed isuq il-vettura tal-għamla Toyota Aygo bin-numru ta' reġistrazzjoni EBZ985 filwaqt li l-vettura oħra laqtitu fuq il-parti ta' wara tal-vettura tiegħu. Wara l-impatt, Zammit saħaq illi s-sewwieq tal-vettura l-oħra kien pront jirriversja lura u daħal ġewwa triq li kienet *one way* x'aktarx biex jaħrab minn fuq il-post. Zammit telaq jiġri wara l-vettura sabiex jipprova jara l-pjanċa tal-vettura l-oħra li rriżultat li kienet tal-għamla BMW u kienet ta' lewn skur, u li wara rriżulta li n-numru tar-reġistrazzjoni tagħha kien LDC248.

5. Zammit innota wkoll li din il-vettura ma kellhiex il-pjanċi ta' quddiem imwaħħlin. Skond l-istħarriġ li għamlu l-Pulizija rriżulta illi din il-vettura tgħajjat lill-appellant. X'ħin ikkuntatjawh, l-appellant saħaq li kien ilu ġurnata sħiħa Ħal-Far filwaqt li l-vettura tiegħu kienet ipparkjata f'Ħal-Far ukoll.

6. Hu qalilhom ukoll li kien ser jibqa sejjer l-Għassa sabiex jurihom il-vettura tiegħu. Kif l-appellant wasal l-Għassa l-Pulizija għamlu

spezzjoni tal-vettura tal-appellant li kienet taqbel mad-deskrizzjoni tal-vettura mogħtija minn Zammit. F'dak il-waqt, dil-karozza kellha ż-żewġ pjanċi mwaħħlin. Ma kienux jidhru ħsarat fuq il-pjanċa ta' quddiem; iżda wara insistenza minn naħa ta' Zammit, kekk kif dawn il-pjanċi ġew maqlugħin, il-Pulizija nnutaw illi kien hemm ħsarat jaqblu ma dak li ġie deskritt minn Daniel Zammit.

7. Inoltre kif il-parte ċivile u t-tfalja tiegħu li kienet fil-vettura miegħu iltaqgħu mal-appellant huma għarfuħ bħala s-sewwieq tal-vettura in kwistjoni li daħlet fil-vettura tagħhom.

8. Konsegwentement l-appellant tressaq il-Qorti.

*Ikkunsidrat:*

1. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:-

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond***

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

2. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover

---

***Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

3. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

4. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha, anke jekk dik ma kienetx l-unika konklużjoni li dik il-Qorti setgħet tasal għaliha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza tagħha, jekk mhux għax ikun hemm raġuni valida. Il-fatt biss li l-appellant ma jkunx jaqbel mal-konklużjonijiet tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati mhux biżżejjed biex din il-Qorti tibdel is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

5. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

6. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*.

7. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina,*** 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

> ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

8. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[4] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

9. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[5]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi,

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[5] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

10. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

11. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

12. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **<u>ma teħtieġx</u>** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

13. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, *sure* fis-sistema Legali Ingliż,[6] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.* Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

14. Fil-każ Ingliż ***Majid,***[7] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

---

[6] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[7] ibid.

15.Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[8] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

16.Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Peralta*** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

17.U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa'**

[8] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

**jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

18. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

> Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.
>
> L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

> Wieħed għandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja għaliex għalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jgħamel l-interpretazzjoni w apprezzament tagħha.[9]

19. In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

> Biex wieħed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wieħed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bħala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wieħed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[10]

20. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-*hearsay* u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. Dan peress li parti mix-xiehda prodotti f'dan il-każ jistrieħu esklussivament fuq dak li qalulhom il-protagonisti f'dan il-każ.

21. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-*hearsay evidence*, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

> **598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.
>
> (2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bħal dawk.

[9] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[10] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

22.Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet : ***Il-Pulizija vs Janis Caruana*** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-*hearsay evidence* kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod : -

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:

'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:

'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23. Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law ruel against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

23.Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi*** ġie deċiż is-segwenti : -

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan ilkliem:

'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not

> the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

> Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

24. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella***, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-*hearsay evidence* ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar -

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak

ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

25. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

26. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-

Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

***Ikkunsidrat :-***

27. Illi dan l-appell jimpinġi kollu fuq kwistjoni ta' kredibbilta' tax-xhieda li tressqu in kwantu l-appellant jisħaq illi hu ma kienx is-sewwieq u lanqas illi l-vettura tiegħu kienet dik li laqtet il-vettura misjuqa minn Daniel Zammit fl-inċident rapportat minnu. L-appellant isostni li ma kienx hemm identifikazzjoni tiegħu jew tal-vettura tiegħu fl-allegat inċident sal-grad rikjest mill-Liġi u dan peress illi l-identifikazzjoni tal-vettura tiegħu kienet bazata biss fuq biċċa karta li fuqha kien hemm in-numru tat-targa tiegħu li ġiet mogħtija lill-parte civile minn terża persuna li kienet fuq il-post iżda li baqgħet mhux identifikata u li filfatt qatt ma xehdet. Jgħid ukoll illi fid-dawl tal-fatt illi ħareġ illiberat mit-tieni akkuża, lanqas ma seta' jinstab ħati li kkaġuna ħsarat fil-konfront tal-appellant u dan peress illi skond Zammit il-vettura li daħlet ġo fiħ ma kellhiex il-pjanċi ta' quddiem, apparti li meta l-pjanċi tal-vettura tal-appellant ġew spezzjonati, ma rriżultaw l-ebda danni. In oltre qatt ma ġiet prodotta stima jew rapport tas-*surveyor* li kkonfermaw kemm in-natura tal-ħsarat kif ukoll il-valur tad-danni sofferti, fejn lanqas ritratti ma ġew eżebiti mill-Prosekuzzjoni. Finalment jgħid li l-

Prosekuzzjoni ma resqitx provi biex tiskredita' dak illi hu allega dwar il-fatt illi hu kien qiegħed band'oħra fil-mument tal-inċident.

28. Illi l-Qorti qieset l-atti proċesswali kollha, inkluż il-provi *viva voce* li nstemgħu quddiemha, kif ukoll l-affidavit tal-Pulizija u tar-rappreżentant tat-Transport Malta. Adifferenza ta dak illi qed jisħaq l-appellant, il-parti leża kif ukoll it-tfajla tiegħu Paulina Anna Smidoda, li kienet passiġiera fil-vettura ta' Zammit fil-mument tal-impatt, jiddikjaraw illi huma għarfu lill-appellant kemm fuq il-post tal-inċident fil-mumenti eżatt wara l-impatt kif ukoll meta ltaqgħu miegħu fl-Għassa tal-Pulizija xi ħin wara.

29. Huwa minnu illi jirriżulta li kien hemm terża persuna illi tat in-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura tal-appellant fuq biċċa karta lill-parte civile. Skond dak illi xehed Daniel Zammit, din il-persuna ma xtaqx jitla' jixhed il-Qorti. Iżda Zammit jgħid li bin-notament mogħti lilu, hu sempliċiment ikkonferma t-targa tal-vettura li kienet baqgħet dieħla fil-vettura misjuqa minnu in kwantu **<u>hu kien diġa ra t-targa fuq il-vettura tal-appellant</u>**.[11] Paulina Anna Smidoda tgħid li fil-mument tal-impatt hi ħarset fil-mera tan-nofs fejn hi rat lill-appellant; kif ukoll meta ħarset lura reġgħet ratu qabel hu telaq minn fuq il-post billi rreversja minn fuq il-post. Smidoda tikkonferma li rnexxiela tagħmel dan allavolja l-*windscreen* tal-vettura tal-appellant kienet *tinted*.[12]

[11] Ara folio 39 tal-atti proċesswali – xiehda ta' Daniel Zammit mogħtija nhar id-9 ta' Jannar 2020 quddiem din il-Qorti.
[12] Ara d-deposizzjoni ta' Paulina Anna Smidoda li nstemgħet quddiem din il-Qorti nhar id-9 ta' Jannar 2020 a folio 41.

30. L-appellant jikkritika dan il-fatt u jisħaq illi l-identifikazzjoni tiegħu kienet tkun waħda impossibli minħabba l-fatt li kellu l-*windscreen tinted*. Din il-Qorti kellha l-opportunita' li tara ritratt muri lilha mill-appellant stess fejn jidher illi l-karozza verament għandha l-*windscreen tinted*. Biss din it-tint ma kienetx sewda u b'hekk ma jistax jiġi eskluż li l-parte civile verament setgħu jaraw u jidentifikaw lill-appellant bħala s-sewwieq tal-vettura dakinhar tal-inċident fil-kondizzjonijiet tat-triq u ta' dawl li kien hemm fuq il-post tal-inċident.

31. In oltre d-deskrizzjoni tal-vettura mogħtija mill-parte civile kienet taqbel mal-vettura misjuqa mill-appellant – kemm bħala għamla kif ukoll bħala lewn. Huwa minnu li l-vittma ma kienx preċiż dwar il-mudell tal-BMW. Biss din id-diskrepanza teknika m'għandhiex twassal sabiex il-parte civile ma jitwemminx fil-konvinzjoni tiegħu dwar l-identifikazzjoni tal-appellant. Dan ukoll peress li din l-identifikazzjoni ġiet ikkoroborata wkoll mit-tfajla tiegħu, Paulina Anna Smidoda. Apparti minn hekk grazzi għal dikjarazzjoni li għamel l-appellant stess jirriżulta li l-appellant u l-parte civile kienu ilhom jafu lil xulxin sa minn meta kienu għadhom żgħar in kwantu a fol 49 l-appellant jgħid li kienu l-iskola flimkien, għalkemm qatt ma kelmu. Jiġifieri hawnhekk si tratta ta' żewġ persuni li ma kienux qed jaraw lil xulxin għall-ewwel darba mingħajr ma qatt ma raw lil xulxin qabel – fatt li jrid jittieħed in konsiderazzjoni meta Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tiġi biex tevalwa l-attendibbilita ta' xiehda li tkun intiża biex tipprova l-identita tal-imputat.

32. Dwar il-problematika tal-identifikazzjoni ta' persuna minn xhud okulari, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti kolleġjalment komposta fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mark Pace*** deċiża nhar is-7 ta' Novembru 2002 fejn intqal is-segwenti :

> L-ewwel aggravju ta' l-appellant, u forsi dak principali, huwa bazat fuq il-kwistjoni delikata ta' l-identifikazzjoni ta' l-appellant b'dan li dak li l-appellant qieghed jattakka hija l- procedura adottata mill-pulizija biex issir identification parade.
>
> Kif osservat il-Qorti ta' l-Appell Kriminali (sede inferjuri) fil- kawza Il-Pulizija vs Stephen Zammit deciza fil-15 ta' Lulju 1998 (Vol. LXXXII.iv.235), "il-ligi taghna hi partikolarment skarsa dwar regoli li ghandhom x'jaqsmu ma' l-identifikazzjoni ta' imputat jew akkuzat. Infatti, l-unika disposizzjoni tal-ligi in materja - l-artikolu 648 tal-Kodici Kriminali - hi redatta fin-negattiv, fis-sens li tghid x'mhux mehtieg u mhux x'inhu mehtieg". Dik id-disposizzjoni tipprovdi testwalment hekk:
>
> "Biex issir il-prova ta' l-identita' ta' persuna li ghandha tigi maghrufa jew ta' oggett li ghandu jingieb bhala prova, mhux mehtieg, bhala regola, li x-xhud jaghraf dik il- persuna minn fost persuni ohra, jew dak l-oggett minn qalb ohrajn bhalu, hlief meta l-qorti, f'xi kaz partikulari, ikun jidhrilha xieraq taghmel dan ghall-finijiet tal-gustizzja".
>
> Dik l-istess Qorti ezaminat fid-dettal din il-kwistjoni, u billi huwa rilevanti ghall-kaz odjern se jigi kkwotat in extenso. Hija fil-fatt qalet:
>
> "Minn din id-dispozizzjoni jidher car li l-legislatur ma riedx ixekkel lill-partijiet fil-kawza b'regoli rigidi ta' kif ghandha ssir l-identifikazzjoni ta' persuna jew oggett, izda halla fil- gudizzju prudenti tal-Qorti li tirregola ruhha skond il-kaz. Din id-dispozizzjoni, naturalment, tapplika ghal identifikazzjoni f'Qorti; meta si tratta ta' identifikazzjoni li tkun saret barra mill-Qorti, bhal ,per ezempju, fl-ghassa tal-pulizija, u li ghalhekk tkun ipprecediet l-identifikazzjoni fil-Qorti, il-ligi taghna ma tghid xejn. Dan ma jfissirx li ma hemmx regoli ta' prudenza dettati mill-bwon sens li ghandhom jigu osservati, specjalment f'dawk li jissejhu identification parades; dawn ir-regoli huma intizi fl-interess kemm tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza bl-iskop li l- identifikazzjoni ta' persuna bhala l-awtur ta' reat jew bhala l-persuna altrimenti involuta fih tkun attendibbli b'mod li l-gudikant tal-fatt ikun jista' jserrah mohhu li ma hemmx zball f'dik l-identifikazzjoni. Fl-Ingilterra hafna minn dawn ir-regoli huma llum inkluzi

fil-Code of Practice D taht il- Police and Criminal Evidence Act, 1984. S'intendi dawn ir- regoli mhumiex applikabbli ghal Malta, izda xi whud minnhom huma utili hafna ghax ighinu biex jizguraw dak li nghad aktar 'il fuq, u cioe` l-attendibilita` ta' l- identifikazzjoni. Hekk, per ezempju, wahda minn dawn ir- regoli hi li meta jkun hemm aktar minn xhud wiehed u dawna jkunu ser jintwerew xi ritratti, 'only one witness shall be shown photographs at any one time' (para. 2, Annexe D) u dan bl-iskop ovvju li xhud ma jkunx jista' jinfluwenza lix-xhud l-iehor. Ix-xhud ghandu jigi muri numru sostanzjali ta' ritratti, mhux semplicement wiehed jew tnejn, u 'he shall not be prompted or guided in any way but shall be left to make any selection without help' (para. 4). Ir-ritratti hekk uzati, u specjalment dak li talvolta x-xhud ikun indika bhala li jirrapprezenta lill-persuna li qed jidentifika, ghandhom jigu ppreservati biex jekk ikun il-kaz, jigu esebiti fil-Qorti. Kwantu ghal identification parades dawn ir-regoli jipprovdu, fost hwejjeg ohra li:

'The parade shall consist of at least eight persons (in addition to the suspect) who so far as possible resemble the suspect in age, height, general appearance and position in life' (para. 8, Annexe A, sottolinear ta' din il-Qorti);

Jerga' jigi ribadit li n-non-osservanza ta' dawn ir-regoli ma jwassalx ghall-inammissibilita` tal-prova ta' l- identifikazzjoni; ikun ifisser biss li, skond ic-cirkostanzi partikolari tal-kaz, dik l-identifikazzjoni tista' ma tkunx attendibbli bizzejjed. Lanqas ma ghandu dan kollu jfisser jew jigi interpretat bhala li hemm xi regola generali li xiehda okulari (eye-witness testimony) hija minnha nnifisha inattendibbli jew li fiha xi perikoli. Kif fisser Chief Justice Miles fis-Supreme Court of the Australian Capital Territory fil-kawza Sharrett vs Gill (1993) 65 A Crim R. 44:

'I am unaware of any authority in this country or elsewhere that lays down a general principle that all eye-witness testimony is subject to weaknesses and dangers. It would be surprising if there were such a principle. Of course, everybody knows that everybody else has human failings with regard to such matters as observation, interpretation, recollection and articulateness and such failings are assumed to be taken into account in most cases by the tribunal of fact unless there is some particular need for the fact-finder to refer to or to be referred to some aspect of the case where such failings are relevant. The highest judicial authorities emphasise that, in jury trials, cases of disputed identification require express and precise reference to these human failings and this principle has been extended to trials without a jury. However, it is hard to imagine life where people are not able to act safely and sensibly upon their observations of what they see and hear, and even upon their identification of fellow human beings by such observations. The ability to distinguish one human being from another and to recognise a person as one previously encountered are surely

basic skills indispensable to social existence, and skills well acquired at an early age. What the lawyers call identification is essentially no different from what is generally known as recognition';

Fi kliem iehor huwa biss f'certu kazijiet li tista' veramentr tqum il-kwistjoni ta' l-attendibilita` ta' identification evidence. Il-kaz klassiku fl-Ingilterra huwa dak ta' Turnbull (1977) QB 224, fejn il-Qorti esprimiet ruhha hekk:

'First, whenever the case against the accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition, he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided that this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.

Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made. How long did the witness have the accused under observation? At what distance? In what light? Was the observation impeded in any way, as for example, by passing traffic or a press of people? Had the witness ever seen the accused before? How often? If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused? How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police? Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance?

Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.

All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger' (ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255-1256)".

33. Issa kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza ***Il-Pulizija vs. Vincent Calleja*** deċiża nhar is-7 ta’ Marzu 2002 din

il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "*unsafe and unsatisfactory*" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "*unsafe and unsatisfactory*". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

34. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Maġistrati kellha quddiemha żewġ xiehda li bil-ġurament tagħhom stqarrew li identifikaw lill-appellant bħala s-sewwieq tal-vettura li daħlet fuq il-vettura li kienu riekba fiha huma. Il-parte civile mhux biss għaraf lis-sewwieq, iżda identifika l-vettura mill-għamla u l-kulur tagħha, nonche ħa n-numru tar-reġistrazzjoni tal-istess vettura u kkonfermah meta kien hemm persuna oħra li għaddietulu. Il-Qorti tal-Maġistrati, fdata bl-apprezzament ta' din ix-xiehda, setgħet leġittimament u raġonevolment temmen lil dawn ix-xhieda fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-appellant magħmula minnhom. Dan l-

apprezzament tal-provi għalhekk ma jistax jiġi disturbat minn din il-Qorti.

***Ikkunsidrat : -***

35. Illi stabbilit il-punt relattiv għall-identifikazzjoni tal-appellant bħala s-sewwieq tal-vettura li allegatament ikkaġunat il-ħsara lill-vettura tal-parte civile, din il-Qorti issa trid tanalizza jekk il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tqis l-aġir tiegħu kif deskritt mill-parti leża jekk jikkostitwix sewqan bla kont u jekk filfatt hu naqasx milli jieqaf mal-mument tal-inċident kif kien obbligat li jagħmel fid-dawl tal-fatt li ntlaqtet il-vettura tal-parti leża u fejn seħħet il-ħsara reklamata fuq din l-istess vettura.

36. L-ewwel imputazzjoni li tagħha instab ħati l-appellant kienet dik tas-sewqan ta' vettura bil-mutur b'nuqqas ta' kont. Dwar dan il-punt, il-ġurisprudenza nostrana rriteniet is-segwenti:

> ...jekk sewqan hux (i) negligenti ; jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' "Degree". (App.Krim. Pul. vs. Charles Bartolo [14.3.59] ; Pul. vs. Wilson, Vol. XXXIX p. 1018 u Pul. vs. Alfred Vella, Vol. XLIV ; p. 933) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom (App. Krim. Pul. vs. Hardingham , [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' "recklessness" (App. Krim. Pul. vs. Charles Farrugia XXXIX p. 1018.) "Recklessness" giet defenita bhala "wilfully shutting one's eye". (App. Krim. Pul. vs. Joseph Aquilina, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim. Pul. vs. Antonio Spiteri , Vol. XLIV , p.892. ).[13]

[13] Pulizija vs Alfonso Abela, deċiża nhar l-10 ta' Marzu 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede inferjuri) ppreseduta mill-imħallef Joe Gelea Debono.

37. Illi skond id-deposizzjoni tal-parte civile Zammit, l-appellant ħareġ bis-saħħa minn triq sekondarja għal fuq il-vettura tiegħu filwaqt li hu kien ser jilwi għal fuq il-lemin tiegħu, filwaqt li kien qed isuq fi Triq il-Kbira, li hija triq prinċipali fil-Mosta. Jgħid ukoll li l-appellant daħal bis-saħħa fuq in-naħa ta' wara tal-vettura tiegħu fejn ikkaġunalu ħsarat estensivi minħabba s-saħħa tal-impatt. Kwindi jekk din il-verżjoni titwemmen, kif filfatt ġiet emnuta mill-Qorti tal-Maġistrati, l-appellant setgħa jinstab ħati ta' din l-ewwel imputazzjoni.

38. Bl-istess manjiera, Zammit jisħaq illi kif ħareġ mill-vettura tiegħu wara l-impatt sabiex javviċina lill-appellant biex jirranġaw l-affarijiet bil-karti – minħabba li l-impatt kien *front to reat*, l-appellant, minflok, irriversja bis-saħħa u bir-reverse baqa' dieħel fi triq oħra. Sadattant Zammit mar fiżikament jiġri warajħ sabiex jieħu nota tan-numru ta' reġistrazzjoni tal-vettura tal-appellant.

39. Jekk il-Qorti tal-Maġistrati emnet lil parte civile dwar dan il-punt, allura kien ifisser li l-appellant ma waqafx wara li seħħ l-inċident kif kien obbligat li jagħmel skond ir-regolament 67(1) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk jekk din il-verżjoni tal-parti leża titqies kredibbli, anki dan ir-reat jissusisti fil-konfront tal-appellant.

40. L-appellant mill-banda l-oħra ma offriex raġunijiet b'saħħithom biżżejjed u li in bażi tagħhom jikkonvinċi lil din il-Qorti tiddipartixxi mill-interpretazzjoni tal-provi magħmula mill-Qorti

tal-Maġistrati f'dan ir-rigward. Il-Qorti tal-Maġistrati, kif setgħet u kellha kull dritt fis-sewwa li tagħmel, għażlet illi tistrieħ fuq il-verżjoni tal-parte civile, kif ikkoroborata minn Paulina Anna Smidoda, li qiesetha bħala l-verżjoni l-aktar kredibbli u verosimili.

41. L-appellant, li allega li kien Ħal-Far matul dak il-jum, setgħa wkoll iġib provi biex jikkonvinċi lil dik il-Qorti, sal-grad tal-probabbli, minn dak li kien qiegħed jgħid. Dan ma għamlux. Ma jistax huwa jippretendi lil Prosekuzzjoni biex iġġib prova negattiva. Semmai kien jinkombi fuqu li jġib provi sal-grad tal-probabbli sabiex jissostanzja l-allegazzjoni tiegħu. Fir-rikors tal-appell l-appellant jallega li kien fil-kumpanija tat-tfajla tiegħu, band'oħra, fil-ħinijiet meta seħħ dan l-inċident. Dan il-fatt sempliċi setgħa kien mhux biss mistqarr minnu bil-ġurament iżda wkoll korroborat bix-xiehda tal-istess tfajla. Iżda dan evidentement ma seħħx.

42. Kwindi din il-Qorti hija tal-fehma illi ma kien hemm xejn li jirrendi s-sentenza "*unsafe and unsatisfactory*" meta l-Qorti tal-Maġistrati għażlet li tistrieħ fuq ix-xiehda tal-parte civile u ta' PC1551 Kenneth Mario Muscat. Del resto kien PC1551 stess li kkonferma l-fatt li meta tneħħiet il-pjanċa ta' quddiem minn fuq il-vettura misjuqa mill-appellant irriżultaw danni oħra li kienu jaqblu ma dawk li ġew innutati fuq il-vettura ta' Daniel Zammit. [14]

43. Verament li dan ix-xhud mhux xhud espert u għalhekk din l-istqarrija tiegħu tista' tittieħed bi prova tal-fatt li ġiet riskontrata

[14] Folio 19 et seq – partikolarment folio 21 tal-atti proċesswali.

daqqa fuq in-naħa ta' quddiem tal-vettura misjuqa mill-appellant, u li kienet tidher taħt il-pjanċi ta' quddiem. Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma tistax tikkonkludi li din ix-xiehda ordinarja tikkostitwixxi prova ta' *"mechanical"* fit tal-impatt relattiv. Biss din ix-xiehda ordinarja ssaħħaħ il-verżjoni tal-parte civile u Smidoda li jisħqu li kienet il-vettura misjuqa mill-appellant li kkawżat il-ħsara fuq il-vettura misjuqa mill-parte civile meta daħlet fuq in-naħa ta' wara tagħha – bil-vettura misjuqa mill-appellant tkun involuta bin-naħa ta' quddiem tagħha.

44. Dettall ieħor interessanti f'dan il-każ huwa li Daniel Zammit sa mill-bidu nett saħaq li fil-mument tal-impatt, il-vettura misjuqa mill-appellant ma kellhiex *number plate* imwaħħal fuqha. Imbagħad meta l-appellant mar l-Għassa tal-Pulizija din il-pjanċa kienet f'postha. Jekk il-parte civile jitwemmen fuq dan il-punt, ikun ifisser li l-appellant - bejn il-mument li huwa kien involut fl-inċident, li ġie kuntattjat mill-Għassa tal-Pulizija u li mar fiżikament fl-Għassa – huwa laħaq waħħal din il-pjanċa. Meta għamel dan ipprova jolqot żewġt għasafar b'ġebla waħda – jevita li jkun misjub ħati li kien qiegħed isuq vettura mingħajr il-pjanċi tan-numru tar-reġistrazzjoni kollha imwaħlin kif ukoll li jgħatti b'dik il-pjanċa l-evidenza tad-dannu li kien hemm fuq il-vettura tiegħu li tattesta li kien involut fl-inċident stradali allegat mill-parte civile.

45. Interessanti aktar hija d-dikjarazzjoni tal-appellant a fol 48 tal-proċess fejn, mingħajr ma kellu ebda raġuni għaliex, huwa jgħid li: *kif mort l-ghassa jien stess ghidtlu biex icempillu ghax jien kull ma kelli*

*ghafsa taht in-number plate u hu ghandu wara mifquh.* L-appellant pero ma jispjegax kif ġiet dik l-għafsa fuq il-bumper taħt in-number plate.

46. F'dan l-isfond probatorju, din il-Qorti tqis li ma tistax tiddipartixxi mill-apprezzament magħmul f'dan ir-rigward mill-Qorti tal-Maġistrati in kwantu dik il-Qorti setgħet ukoll leġittimament u raġonevolment issib lill-appellant ħati tal-ewwel u tat-tielet imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

***Ikkunsidrat : -***

47. Illi jifdal biss illi din il-Qorti tikkonsidra l-aħħar reat li jirrigwarda l-ħsarat inkorsi fuq il-vettura tal-parti leża u li skond it-teżi tiegħu ġew ikkaġunati mill-appellant. Qabel xejn, fid-dawl tal-aggravji kif imressqa fir-rigward ta' din l-akkuża, tajjeb hawnhekk illi ssir referenza għad-diċitura tal-artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali li jittratta r-reat de quo u li jaqra kif ġej:

> 328. Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna ħruq, jew jagħmel xi ħsara jew iħassar jew jgħarraq xi ħaġa, kif imsemmi f'dan is-sub-titolu, jeħel, meta jinsab ħati -
> (a) jekk minħabba f'hekk tiġri l-mewt ta' persuna, il-piena stabbilita fl-artikolu 225;
> (b) jekk minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravi fuq il-persuna, li tkun iġġib il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur jew multa mhux iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37);
> (ċ) jekk minħabba f'hekk xi ħadd ibati offiża gravi mingħajr il-konsegwenzi hawn fuq imsemmija, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew multa mhux iżjed minn elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (1,164.69);
> (d) <u>f'kull każ ieħor, il-piena ta' priġunerija għal mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa jew il-pieni tal-kontravvenzjonijiet</u>:

> Iżda fil-każijiet imsemmijin fil-paragrafu (d), ħlief meta l-ħsara tkun kaġunata fi proprjetà pubblika, ħlief vettura bil-mutur, jistgħu jittieħdu proċedimenti biss bil-kwerela tal-parti offiża:

48. Illi kwindi jidher illi huwa s-subparagrafu (d) li japplika għal dan il-każ fejn a differenza ta' meta l-ħsarat ikunu volontarji, mhuwiex rikjest li jiġi ppruvat il-valur tal-ħsarat inkorsi. Huwa minnu li din l-informazzjoni kienet tkun utli iżda mhix rikjesta legalment bħala element ta' dan ir-reat sabiex tinstab il-ħtija.

49. Li l-parte civile sofra xi ħsara fuq il-vettura tiegħu huwa pruvat mhux biss mid-deposizzjoni tal-parte civile iżda paradossalment mix-xiehda tal-appellant stess meta huwa jisħaq illi :

> kif mort l-ghassa jien stess ghidtlu biex icempillu ghax jien kull ma kelli ghafsa taht in-number plate u hu ghandu wara mifquh. Issa jekk nurik ritratt tal-bumper tieghi dakinhar kull m'ghandi ghafsa zghira imma li ghandu hu total loss wara.

50. Verament li ma nġiebetx prova ċara tal-ħsara sofferta mill-parte civile. Iżda l-fatt li l-appellant stess jikkonċedi li l-parte civile kellu wara tal-vettura tiegħu "*total loss*", ifisser li anke hu apprezza li l-ħsara li sofra l-parte civile kienet kbira, tant li huwa uża l-frażi "*total loss*". Jiġifieri anke hu setgħa jara l-ħsara estensiva li sofra l-parte civile, għalkemm insista li dan ma seħħx b'tort tiegħu.

# ***Deċide***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti, tiċħad l-appell tikkonferma l-ewwel sentenza appellata.

***Aaron M. Bugeja***

***Imħallef***